**PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI**

**(Sede Kostituzzjonali)**

**IMĦALLEF**

**ONOR. AUDREY DEMICOLI LL.D.**

Rikors Kostituzzjonali Nru **111/2023 (AD)**

**MALCOLM JOSEPH FALZON**

**vs**

**L-AVUKAT ĠENERALI U L-AVUKAT TAL-ISTAT**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, erbgħa u għoxrin (24) ta' Settembru 2024**

**Il-Qorti**:

1. Dan hi sentenza dwar talba ta' Malcolm Joseph Falzon sabiex l-istqarrija ġuramentata ta' Joseph Zerafa eżebita fil-proċeduri kriminali fl-ismijiet ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Malcolm Joseph Falzon*** (Att t'Akkuża Numru 9-2017), u x-xhieda ta' l-istess Joseph Zerafa, jekk jiġi prodott biex jixhed waqt il-ġuri, kif ukoll ix-xhieda ta' Carmelo Luca f'każ li dan jiġi prodott jixhed waqt il-ġuri, jilledu d-drittijiet tar-rikorrent għal smigħ xieraq, hekk kif sanċiti

fl-Artikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, u l-Artikolu 14 u l-Ewwel Artikolu tal-Protokoll Numru 12 tal-istess Konvenzjoni.

**Preliminari**

2. Permezz ta' Rikors Kostituzzjonali datat sitta (6) ta' Marzu 2023, ir-rikorrent **Malcolm Joseph Falzon** ippremetta:

*Illi l-esponent jinsab għaddej proċeduri kriminali fejn huwa akkużat fuq reati in konnessjoni ma' pussess u traffikar ta' droga cannabis u jinsab fi stadju li jiġi appuntat il-ġuri. Il-proċeduri huma fl-ismijiet* Ir-Repubblikata' Malta vs Malcolm Joseph Falzon *(Att ta' akkuża numru 9/2017).*

*Illi l-esponent qiegħed presenzjalment iressaq ilment fuq ix-xhieda mogħtija waqt l-inkjesta ta' Joseph Zerafa li allegatament huwa kompliċi u, għad illi kien akkużat fi proċeduri oħra, għandu jitqies bħala ko-akkużat. Qiegħed ukoll iressaq ilment fuq il-fatt illi fil-lista ta' xhieda flimkien ma' l-Att ta' l-Akkuża l-Avukat Ġenerali indika bħala wieħed mix-xhieda lil ċertu Carmelo Luca, liema persuna wkoll qed jiġi allegat li kien kompliċi ta' l-esponent. Qed jiġi sottomess li x-xhieda ta' Joseph Zerafa mogħtija waqt l-inkjesta u jekk jixhed waqt il-ġuri, u x-xhieda ta' Carmelo Luca, jekk jixhed waqt il-ġuri, ser jilledu d-dritt ta' smigħ xieraq ta' l-esponent kif sanċiti fl-Artikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem.*

*Illi jingħad illi Joseph Zerafa xehed solament waqt inkejsta peress li kien għamel talba biex jixhed u dan biex jipprevalixxi ruħu mill-artikolu 29 tal-Kap 101. Dan kien allegatament kompliċi ma' l-esponent. L-involviment tiegħu, skont il-prosekuzzjoni kien is-segwenti. Il-pulizija ta' l-iskwadra kontra d-droga interċettat diversi persuni ġewwa Marsaxlokk li kellhom fil-pussess tagħhom ċirka ħames kilos ta' raża tal-cannabis. Wieħed minn*

*dawn il-persuni, ċertu Joseph Zerafa, allegatament indika lill-esponent bħala persuna involuta fil-każ filwaqt li Carmelo Luca għadu ma xehedx pero' huwa dikjarat bħala xhud mill-Avukat Ġenerali.*

*Illi huwa prinċipju ġenerali illi persuna li tkun akkużata b'reat ma jistax jixhed kontra persuna oħra akkużata bl-istess reat. Dan jemerġi mill-interpretazzjoni ta' l-artikolu 636(b) tal-Kap 9 li jgħid:*

*"636. Ebda eċċezzjoni dwar il-kompetenza ta' xhud ma tiġi milqugħa minħabba –*
*(b) li kien imputat tal-istess reat li fuqu tkun meħtieġa x-xhieda tiegħu, meta l-Gvern ikun wegħdu jew tah l-impunita' sabiex hekk ikun jista' jixhed;"*

*Illi ssir referenza għas-sentenza fl-ismijiet* ***Il-Pulizija (Supretendent Josric Mifsud, Spettur Hubert Cini, Spettur Silvio Magro) v. Paul Bailey et*** *fejn intqal hekk:*

*"Il-posizzjoni addottata b'mod konsistenti mill-Qrati tagħna hija dik li jgħidu x'jgħidu ko-imputati jew ko-akkużati kontra xulxin qatt ma jista jiswa bħala prova kontra l-ko-imputat/i jew ko-akkużat/i ieħor jew oħrajn. Din il-posizzjoni ġiet interpretata a contrario sensu mid-diċitura tal-Art 636(b) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta li jipprovdi illi "Ebda eċċezzjoni dwar il-kompetenza ta' xhud ma tiġi milqugħa minħabba li kien imputat tal-istess reat li fuqu tkun meħtieġa x-xhieda tiegħu, meta l-Gvern ikun wegħdu jew tah l-impunita' sabiex hekk ikun jista' jixhed". Fi kliem ieħor, meta ma jkunx hemm maħfra mogħtija mill-Istat, xhud li jkun imputat tal-istess reat li fuqu tkun meħtieġa x-xhieda tiegħu ma jkunx kompetenti biex jixhed. Dan għandu jgħodd ukoll għal dak li jkunu qalu l-imputati fl-istadju tal-in genere."*

*Illi l-liġi tad-droga tipprovdi deroga għal din ir-regola peress illi l-artikolu 30A tal-Kap 101 jgħid hekk:*

*"Minkejja d-dispożizzjonijiet tal-artikolu 661 tal-Kodiċi Kriminali, meta persuna tkun involuta f'xi reat kontra din l-Ordinanza, kull dikjarazzjoni magħmula minn dik il-persuna u li tiġi konfermata bil-ġurament quddiem maġistrat, u kull xhieda mogħtija minn dik il-persuna quddiem xi qorti tista' tinġieb bi prova kontra kull persuna oħra akkużata b'reat kontra l-imsemmija Ordinanza, kemm-il darba jinsab li dik id-dikjarazzjoni jew xhieda tkun saret jew ingħatat volontarjament, u ma ġietx imġiegħla jew meħuda b'theddid jew b'biża', jew b'wegħdiet jew bi twebbil ta' vantaġġi."*

*Illi kif ser jiġi spjegat hawn taħt il-Qorti Ewropea għad-Drittijiet tal-Biniedem esprimiet ruħha diversi drabi fis-sens illi x-xhieda kemm ta' kompliċi u aktar u iktar ta' ko-akkużat għandhom jittieħdu b'kawtela kbira u dan peress illi dejjem hemm periklu illi tali xhieda tkun ingħatat bi skop illi dak li jkun jottjeni vantaġġ jew b'xi mod jipprova jiskolpi lilu nnifsu.*

*Illi in effetti Joseph Zerafa għamel it-talba biex jixhed b'mod speċifiku biex jibbenefika mill-artikolu 29 tal-Kap 101 u konsegwentement riduzzjoni fil-piena fi proċeduri separati fejn ġie akkużat in konnessjoni ma' l-istess reat. Għalhekk dawn iċ-ċirkostanzi jinkwadraw ruħhom f'dak li ser jiġi sottomess hawn taħt b'referenza għall-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea.*

*Illi apparti minn hekk, Joseph Zerafa xehed biss fl-istadju ta' l-inkjesta u għalhekk mhux fil-presenza ta' l-esponent li għalhekk ġie nnegat lilu d-dritt li jikkontrolla u jikkontro-eżamina lill-istess xhud. Waqt il-kumpilazzjoni Joseph Zerafa ma reġax xehed.*

*Illi ssir referenza għal sentenza tal-Qorti Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem u cioe* ***Case of Adamco v. Slovakia*** *il-Qorti qalet hekk:*

*"59. The Court reiterates that the use of statements given by witnesses in return for immunity or other advantages may cast doubt on the fairness of the proceedings against the accused and can raise difficult issues to the extent that, by their very nature, such statements are open to manipulation*

*and may be made purely in order to obtain the advantages offered in exchange, or for personal revenge. The risk that a person might be accused and tried on the basis of unverified allegations that are not necesarily disinterested must not, therefore, be underestimated (see Haran and Dalem, cited above, § 100, with further references).”*

*Dawn il-proċeduri kienu jittrattaw xhieda ta' persuna li kienet suspettata li kienet involuta fil-qtil ta' l-istess persuna li Adamco kien akkużat li qatel. Il-prosekuzzjoni kienet għażlet li ma tipproċedix kriminalment kontra x-xhud sabiex dan ikun jista' jixhed kontra Adamco. Fil-fatt il-fatti ġew tajjeb miġbura mill-Qorti Ewropea fis-segwenti bran:*

*“On the basis of the statements he made in the course of the applicant's trial, M. was suspected of having participated in the murder of K. himself as the applicant's accomplice. On 15 February 2006 the prosecution service agreed temporarily to suspend the bringing of charges against him. Charges were brought on 16 December 2009 but on 10 May 2010 the prosecution service terminated the proceedings on the grounds that M. had significantly contributed to the detection of a serious crime committed by an organised group and to the prosecution and conviction of its perpetrators and that as envisaged by Article 215 § 3 of the Code of Criminal Procedure, the interests of society in detecting that crime prevailed over its interest in prosecuting M.”*

*Illi l-Qorti Ewropea sabet leżjoni ta' l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni u kkonkludiet hekk:*

*“71. Accordingly, in view of the importance of the evidence from M. in the applicant's trial, the Court finds that, on the specific facts of the present case, its use at the trial was not accompanied by appropriate safeguards so as to ensure the overall fairness of the proceedings (contrast Habran and Dalem, cited above, § 117).”*

*Illi ssir referenza għas-sentenza* ***Case of Habran and Dalem v. Belgium*** *fejn insibu hekk:*

*"100. The Court reiterates that the use of statements given by witnesses in return for immunity or other advantages may cast doubt on the fairness of the proceedings against the accused and can raise difficult issues to the extent that, by their very nature, such statements are open to manipulation and may be made purely in order to obtain the advantages offered in exchange, or for personal revenge. The risk that a person might be accused and tried on the basis of unverified allegations that are not necessarily disinterested must not, therfore, be underestimated (see Cornelis, decision cited above; Vladislav Atanasov v. Bulgaria (dec.), no 20309/02, 3 March 2009; and Shiman v. Romania (dec.), no 12512/07, § 33, 2 June 2015; see also, mutatis mutandis, on the use of statements given by criminals-turned-informers under Article 5 § 3, Labita v. Italy (GC) no 26772/95, § 157, ECHR 2000-IV, and Ereren v. Germany, no 67522/09, § 59, 6 November 2014)."*

*Illi aktar 'l isfel il-Qorti qalet:*

*"117. The Court concludes that the proceedings as a whole were surrounded by sufficiently solid guarnatees and were <u>not unfair</u> vis-a-vis either of the applicants.*

*118. Accordingly, insofar as the application concerns the fairness of proceedings, there was no violation of Article 6 § 1 of the Convention." (enfasi miżjud)*

*Illi l-insenjament hawn fuq sottomess japplika wkoll għal Carmelo Luca. Dan ukoll għandu jitqies bħala allegat kompliċi u ko-akkużat u dan peress illi allegatament, skond il-prosekuzzjoni, dan kien ser ibiegħ xi droga lill-esponent u tressaq il-qorti wkoll in konnessjoni ma' dan ir-reat.*

*Illi pero apparti minn hekk, hemm konsiderazzjoni oħra li trid issir dwar ix-xhieda taż-żewġ persuni imsemmija. Joseph Zerafa iddepona biss waqt l-inkjesta u allura r-rikorrent ma kellux dritt li jeżamina u jikkontrolla dik id-depożizzjoni. Molto magis Carmelo Luca tressaq biex jixhed quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja fis-seduta tat-tlieta u 23* (sic) *ta' Settembru 2015 pero waqt dik is-seduta huwa għażel li ma jixhidx biex ma jinkriminax ruħu. Konsegwentement ir-rikorrent la jaf x'ser jixhed u wisq u wisq inqas ma seta' jikkontrolla minn qabel ix-xhieda li ser tingħata.*

*Illi l-avukat ġenerali issa qed jindika lil dawn iż-żewġ xhieda fil-lista ta' xhieda tiegħu li bi ħsiebu jipproduċi waqt il-ġuri. Jekk dan iseħħ xorta waħda id-drittijiet tal-esponent għal smigħ xieraq ser jiġu leżi.*

*Illi l-esponent ser jiġi maħsud b'xhieda ġdida ta' dawn it-tnejn min-nies mingħajr mhu ser ikollu d-dritt tad-doppju eżami, għal kuntrarju ta' xhieda oħra li jkunu xehedu waqt il-kumpilazzjoni.*

*Illi dan imur proprju kontra sentenzi tal-Qorti Ewropea li jgħidu li x-xhieda trid tkun mogħtija fi stadju bikri li fil-każ tagħna tkun il-kumpilazzjoni u mhux jitfaċċaw wara fl-istadju tal-ġuri. Hekk per eżempju s-sentenza* **Unterpertinger vs Austria** *tgħid hekk:*

*"In itself, the reading out of statements in this way cannot be regarded as being inconsistent with Article 6 §§ 1 and 3 (d) (art, 6-1, art. 6-3-d) of the Convention, but the use made of them as evidence must nevertheless comply with the rights of the defence, which it is the object and purpose of Article 6 (art. 6) to protect. This is especially so where the person "charged with a criminal offence", who has the right under Article 6 § 3 (d) (art. 6-3-d) to "examine or have examined" witnesses against him, has not had an opportunity at any stage in the earlier proceedings to question the persons whose statements are read out at the hearing."*

*Illi b'analoġija l-leżjoni tad-dritt ta' smigħ xieraq f'każ li jixhed Carmelo Luca hija aktar serja għaliex l-esponent ser jiġi sorpriż waqt il-ġuri quddiem il-ġurati b'xhieda ġdida b'fatti ġodda li ma jkunx sema' fl-istadju tal-kumpilazzjoni.*

3. Għaldaqstant ir-rikorrent, għar-raġunijiet premessi, talab lil din il-Qorti sabiex:

    i. *Tiddikjara li, għar-raġunijiet fuq mogħtija, l-istqarrija ġuramentata ta' Joseph Zerafa eżebita fil-proċeduri kriminali fil-konfront ta' l-espoennt u cioe 'Ir-Repubblika ta' Malta vs Malcolm Joseph Falzon (Att ta' akkuża numru 9/2017) u x-xhieda ta' l-istess Joseph Zerafa, jekk jiġi prodott biex jixhed waqt il-ġuri, kif ukoll ix-xhieda ta' Carmelo Luca f'każ li dan jiġi prodott jixhed waqt il-ġuri jilledu d-drittijiet ta' l-esponent għal smigħ xieraq hekk kif sanċiti fl-Artikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u kwindi filwaqt li tordna l-isfilz tax-xhieda ta' dan ix-xhud ġja mogħtija, tipprojbixxi li dan jiddeponi fil-ġuri;*

    ii. *Jekk din il-Qorti takkolji l-ewwel aggravju tar-rikorrent allura tordna l-isfilz tax-xhieda mogħtija minn Joseph Zerafa kif hawn fuq spjegat u tordna li l-istess Joseph Zerafa u kif ukoll Carmelo Luca m'għandhomx jixhdu fil-proċeduri tal-ġuri kontra l-esponent, jew*

    iii. *Jekk din il-Qorti takkolji t-tieni aggravju tar-rikorrent allura tordna illi l-atti jiġu rinvjati lura lill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali biex dawn iż-żewġ persuni jixhdu quddiem dik il-Qorti u b'hekk l-esponent jingħata d-dritt ta' doppju eżami.*

    *Bl-ispejjeż.*

4. B'digriet mogħti nhar l-għaxra (10) ta' Marzu 2023, din il-Qorti ordnat in-notifika tar-rikors kostituzzjonali lill-intimati, illi ngħataw għoxrin (20) jum

żmien min-notifika għar-risposta. Il-kawża ġiet appuntata għas-smigħ għall-Ħamis, tlettax (13) t'April 2023;

5. Permezz ta' risposta konġuntiva datata tlieta (3) t'April 2023, l-**Avukat tal-Istat** u l-**Avukat Ġenerali** eċċepew:

   a. *Illi preliminarjament, l-esponenti jeċċepixxu li r-rikorrent ma eżawriex ir-rimedji ordinarji mogħtija lilu mil-liġi. Tant illi in kwantu l-lanjanza dwar ix-xhud Carmelo Luca, jirriżulta li r-rikorrent ma kienx ressaq eċċezzjoni preliminari dwar dan ix-xhud fiż-żmien mogħti lilu a tenur tal-Artikolu 438(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta. Għalhekk din l-Onorabbli Qorti għandha, fi kwalunkwe każ, tiddeklina milli tistħarreġ ulterjorament l-ilmenti tar-rikorrent a tenur tal-proviso tal-artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u tal-proviso tal-artikolu 4(2) tal-Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta' Malta; u għalhekk ir-rikorrent ma eżawriex ir-rimedji ordinarji;*

   b. *Ili bla ħsara għas-suespost u preliminarjament, l-esponenti jeċċepixxu l-intempestivita' ta' dawn il-proċeduri stante li l-proċeduri fil-konfront tar-rikorrent għadhom ma humiex konklużi. Sabiex din l-Onorabbli Qorti tkun tista' tqis jekk kienx hemm leżjoni tad-dritt għal smigħ xieraq jeħtieġ li tqis it-totalita' tal-proċeduri, ħaġa li ma tistax issir ġialadarba l-proċeduri fil-konfront tar-rikorrent għadhom ma humiex konklużi, tant li l-ġuri għadu ma ġiex iċċelebrat;*

   c. *Illi bla ħsara għas-suespost, l-allegazzjonijiet, il-pretensjonijiet u t-talbiet tar-rikorrent huma infondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda;*

   d. *Illi bla ħsara għas-suespost, sabiex jiġi garantit id-dritt għal smigħ xieraq, is-smigħ għandu jsir fi żmien raġonevoli, u jinstemgħa* (sic) *minn Qorti indipendenti u imparzjali mwaqqfa b'liġi. L-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea dwar il-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fondamentali jipprovdi wkoll li s-smigħ għandu jkun pubbliku*

*u għandu jkun quddiem tribunal indipendenti u mparzjali mwaqqaf b'liġi. Għaldaqstant, jeżistu salvagwardji biżżejjed fid-dritt proċedurali nostrali sabiex jovvjaw għal kull periklu ta' leżjoni ta' smigħ xieraq, liema salvagwardji jiggarantixxu proċess xieraq u smigħ ġust. Fil-każ odjern, il-proċeduri kriminali inżammu u ser jinkomplu jinżammu minn Qorti indipendenti u imparzjali, ir-rikorrent għandu aċċess għall-Qorti, is-smigħ qiegħed isir fil-presenza tar-rikorrent, kien debitament assistit, il-partijiet ġew trattati b'mod ugwali mingħajr ebda vantaġġ proċedurali minn xi persuna fuq oħra, ir-rikorrent ngħata l-opportunita' kollha biex jiddefendi l-każ tiegħu mingħajr xkiel u se jkompli jingħata d-dritt li jiddefendi l-każ, u r-rikorrent ingħata u ser ikompli jingħata ż-żmien u l-faċilitajiet xierqa għall-preparazzjoni tal-każ tiegħu. Ir-rikorrent waqt il-ġuri se jkollu kull opportunita' li tippermetti l-liġi sabiex jiddefendi l-każ tiegħu. Għaldaqstant ma hemmx ksur tad-dritt għal smigħ xieraq a tenur tal-Artikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u tal-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea dwar il-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fondamentali;*

e. *Illi bla ħsara għas-suespost, għalkemm konfessjoni mogħtija minn ko-akkużat li tkun inkriminanti fil-konfront tal-ko-akkużat ieħor hija ammissibbli fil-liġi bis-saħħa tal-Artikolu 30A tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta, il-persuna li tirrilaxxja tali stqarrija xorta waħda trid tagħti x-xhieda tagħha viva voce fil-proċeduri. L-Artikolu 30A tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta jiskatta mekkaniżmu fil-liġi fejn dikjarazzjoni magħmula skond id-dettami tal-istess hi produċibbli fil-ġuri kontra l-ko-akkużat li jkun ġie implikat biha. S'intendi, jekk dak li stqarr il-persuna li tirrlaxxja tali dikjarazzjoni f'dan il-każ Joseph Zerafa għandux mis-sewwa jew le hija materja li trid tiġi mistħarrġa mill-ġurati fl-istadju tal-ġuri meta Joseph Zerafa jinġieb biex jixhed viva voce matul il-ġuri. Filfatt Joseph Zerafa xehed anke quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali. Għalhekk f'dan l-istadju tal-proċeduri, ċertament li kull dikjarazzjoni u xhieda ta' Joseph Zerafa ma għandhiex tiġi dikjarata inammissibbli kif mitlub mir-rikorrent;*

f. *Illi bla ħsara għas-suespost, ir-rikorrent tramite d-difensuri tiegħu ser ikollu l-jedd li jikkontroeżamina x-xhieda kollha mressqa mill-Avukat Ġenerali, għalhekk inkluż lil Joseph Zerafa u Carmelo Luca. Għaldaqstant, ma hemmx disparita' fl-armi bejn il-partijiet, u r-rikorrent ma huwiex jiġi ppreġudikat fid-difiża tiegħu. Fil-fatt kif ingħad mill-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza fl-ismijiet **<u>Anthony Bugeja v. L-Avukat Ġenerali u r-Reġistratur tal-Qrati Kriminali u Tribunali Kriminali</u>**, għalkemm il-mertu ma kienx l-istess bħal dak mertu tal-kawża odjerna 'Jekk ix-xhieda tat-terz – ta' di Bartolo – issa ssir ammissibbli fil-każ tal-attur, dan ma jistax joġġezzjona għaliha għar-raġuni biss illi d-difiża tiegħu tkun aktar faċli mingħajr dik ix-xhieda. Minkejja dak li jippretendi l-attur, ma għandu ebda jedd fondamentali li jinsab innoċenti jew li xhieda li ma jgħinuhx ma jitħallewx jixhdu. Il-jedd li għandu hu illi, jekk jidhirlu, jagħmel kontro-eżami lil di Bartolo bħala ma jista' jagħmel kontro-eżami tax-xhieda kollha tal-prosekuzzjoni.';*

g. *Illi bla ħsara għas-suespost, il-produzzjoni ta' Joseph Zerafa u Carmelo Luca il-ġuri hija sorretta mid-disposizzjonijiet tal-liġi u għalhekk kemm l-istqarrija ġuramentata ta' Joseph Zerafa, ix-xhieda tal-istess Joseph Zerafa u x-xhieda ta' Carmelo Luca f'każ li jiġi prodott jixhed waqt il-ġuri ma jilledux id-dritt għal smigħ xieraq. Ir-rikorrent ser ikollu d-dritt li jagħmel il-kontro-eżami ta' dawn ix-xhieda. Mill-provi prodotti, jirriżulta ċar x'kien l-involviment ta' Carmelo Luca, għalhekk l-argument li r-rikorrent 'ser jiġi maħsud b'xhieda ġdida' ma jreġġix. Fi kwalsiasi każ, kemm l-akkużat u anke l-Avukat Ġenerali ser ikollhom l-opportunita' li jagħmlu l-kontro-eżami tax-xhieda li ser jiġi prodotti mill-partijiet fil-ġuri. Kif meqjus fis-sentenza fl-ismijiet **'Darren Aquilina v. L-Onorevoli Prim Ministru u l-Avukat Ġenerali'**:*

*16. Fost il-provi li tressaq il-prosekuzzjoni hemm il-process verbal li fih ikun hemm il-provi kollha miġbura fl-inkjesta maġisterjali, fosthom anke depożizzjonijiet ta' xhieda mismugħa bil-ġurament mill-Maġistrat*

*Inkwirenti skond id-dispost tal-Artikolu 30A tal-Kap 101. L-Artikolu 550 jgħid li dan id-dokument, meta esebit fil-proċess kriminali, [u meta allura hemm l-imputat preżenti], għandu valur probatorju, u fis-sub-inċiż (2) tiegħu jagħti d-dritt lill-prosekuzzjoni li tressaq ix-xhieda li jkunu xehedu* (sic) *matul l-inkjesta biex jixhdu fuq materji speċifiċi, kif ukoll jagħti d-dritt li "... persuna mixlija tista' wkoll iġġib lil kull min trid minn dawk il-persuni bil-għan li jsirilha l-kontro-eżami."*

*17. Fi kliem ieħor ix-xhieda li xehedu* (sic) *fl-inkjesta maġisterjali jistgħu jittellgħu bħala xhieda fil-proċeduri kriminali, kemm mill-prosekuzzjni, kif ukoll mill-imputat. Għaldaqstant din il-Qorti ma tarax li dawn l-artikoli jimminaw jew jivvjolaw id-dritt tal-imputat għal smigħ xieraq, tenut kont li x-xhieda li nstemgħu fl-inkjesta, u allura fl-assenza ta' imputat, jistgħu jerġgħu jittellgħu bħala xhieda kemm matul il-kumpilazzjoni, kif ukoll matul il-ġuri jekk ikun il-każ.'*

h. *Illi bla ħsara għas-suespost, stante li ma hemmx ksur tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrent, isewgi li din l-Onorabbli Qorti ma għandhiex tordna l-isfilz tax-xhieda ġia mogħtija u lanqas ma għandha tipprojbixxi lix-xhieda indikati mill-Avukat Ġenerali milli jiddeponu fil-ġuri. It-talba sabiex l-atti jiġu rinvijati lil Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali biex ix-xhieda li dwarhom qiegħed jilmenta r-rikorrent jixhdu quddiem dik il-Qorti hija wkoll infondata u għandha tiġi miċħuda. Ir-rikorrent ser ikollu kull opportunita' sabiex jagħmel il-kontro-eżami tax-xhieda kollha li ser jiddeponu u għaldaqstant ma ġiex leż u lanqas ser jiġi leż id-dritt għal smigħ xieraq.*

i. *Illi jsegwi għalhekk li l-allegazzjonijiet u t-talbiet kollha tar-rikorrent għandhom jiġu miċħuda fl-intier tagħhom.*

j. *Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.*

*Bl-ispejjeż kontra r-rikorrent.*

6. B'digriet mogħti waqt is-seduta tat-tlettax (13) t'April 2023, din il-Qorti laqgħet it-talba tar-rikorrenti sabiex ikun hemm żieda fir-rikors billi fl-ewwel talba, wara l-kliem *"Art 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem"* jiġu inseriti l-kliem ***"u l-art. 14 u tal-Art. 1 tal-Protokoll numru 12 tal-istess Konvenzjoni"***, u kkonċediet lill-intimati għoxrin (20) jum sabiex jippreżentaw risposta ulterjuri;

7. Permezz ta' risposta konġuntiva ulterjuri datata sebgħa u għoxrin (27) t'April 2023, l-**Avukat tal-Istat** u l-**Avukat Ġenerali** eċċepew:

   a. *Illi in kwantu r-rikorrent qiegħed jallega ksur tal-Artikolu 14 u tal-Artikolu 1 tal-Protokoll numru 12 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar il-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fondamentali, l-esponenti iwieġbu li r-rikorrent fir-rikors promotur ma jfissirx sew kif qiegħed iħossu diskriminat u fuq liema bażi qiegħed jallega din id-diskriminazzjoni. Għaldaqstant, l-esponenti qegħdin minn issa jirriżervaw li jippreżentaw eċċezzjonijiet oħra jekk ikun il-każ;*

   b. *Illi bla ħsara għas-suespost, ma hemm l-ebda ksur tal-Artikolu 14 u l-Artikolu 1 tal-Protokoll numru 12 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar il-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fondamnetali u dan għaliex ma hemmx diskriminazzjoni fil-konfront tar-rikorrent. Sabiex ir-rikorrent ikun jista' jallega li ġie leż id-dritt fundamentali tiegħu ai termini tal-imsemmija artikoli Konvenzjonali, jeħtieġ li jipprova li saret diskriminazzjoni fuq bażi ta' 'like with like' u dan għaliex mhux kull aġir huwa wieħed diskriminatorju;*

   c. *Illi bla ħsara għas-suespost, ir-rikorrent ma jistax jargumenta li ġie żvantaġġat meta mqabbel ma' ħaddieħor għaliex dak il-ħaddieħor li għalhekk qiegħed fl-istess pożizzjoni tar-rikorrent u huwa akkużat b'reati taħt il-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta, qiegħed jiġi trattat eżattament bħalu. Għaldaqstant, ma hemmx vjolazzjoni tal-Artikolu 14*

*u l-Artikolu 1 tal-Protokoll numru 12 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar il-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fundamentali.*

*Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.*

**Il-Qorti**

8. Reġgħet rat ir-rikors Kostituzzjonali tar-rikorrent Malcolm Joseph Falzon datat sitta (6) ta' Marzu 2023;

9. Reġgħet rat ir-risposta konġuntiva tal-Avukat Ġenerali u l-Avukat tal-Istat datata tlieta (3) t'April 2023;

10. Rat id-digriet tagħha stess mogħti waqt is-seduta tat-tlettax (13) t'April 2023 illi permezz tiegħu awtorizzat iż-żieda tal-kliem *"u l-Art 14 u tal-Art 1 tal-Protokoll numru 12 tal-istess Konvenzjoni"* fl-ewwel talba fir-rikors promotur;

11. Reġgħet rat ir-risposta konġuntiva ulterjuri tal-Avukat Ġenerali u l-Avukat tal-Istat datata sebgħa u għoxrin (27) t'April 2023;

12. Semgħet ix-xhieda bil-ġurament tal-**Assistent Reġistratur Stephania Calafato Testa**, prodotta mir-rikorrent, u l-kontenut tal-*pendrive* immarkata **Dok SCT1** u d-dokumenti mmarkati **Dok SCT2**, minna esebiti waqt is-seduta tal-għoxrin (20) ta' Ġunju 2023[1];

13. Semgħet ix-xhieda ulterjuri bil-ġurament tal-**Assistent Reġistratur Stephania Calafato Testa**, prodotta mir-rikorrent, u rat id-dokumenti

[1] It-traskrizzjoni tax-xhieda tagħha tinsab a fol 26-27 tal-proċess, **Dok SCT1** a fol 28 tal-proċess, u **Dok SCT2** a fol 29 *et seq* tal-proċess

minnha essebiti u mmarkati bħala **Dok SCT1** sa **Dok SCT7**, waqt is-seduta tat-tnax (12) t'Ottubru 2023[2];

14. Rat illi r-rikorrent naqas milli jippreżenta nota ta' sottomissjonijiet fit-terminu lilu konċess;

15. Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-intimati, datata disgħa u għoxrin (29) ta' Frar 2024 (a fol 62 *et seq* tal-proċess);

16. Semgħet it-trattazzjoni finali mill-partijiet waqt is-seduta tad-disgħa (9) ta' Mejju 2024;

17. Rat illi din il-kawża ġiet differita għas-seduta tal-lum għas-sentenza;

18. Tagħmel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

**Konsiderazzjonijiet**

**<u>Fatti tal-Każ</u>**

19. Għall-fini ta' kjarezza, u anke peress illi ġew esebiti għadd sostanzjali ta' dokumenti mill-proċeduri penali miġjuba fil-konfront tar-rikorrent, din il-Qorti tħoss illi jkun għaqli illi jiġu esposti, in suċċint, il-fatti saljenti tal-każ odjern;

20. Jirriżulta lil din il-Qorti mill-atti illi r-rikorrent qiegħed preżentement jistenna illi jiġi appuntat il-ġuri fil-konfront tiegħu, fi proċeduri fl-ismijiet *Ir-Repubblika ta' Malta vs Malcolm Joseph Farrugia* (Att t'Akkuża numru 9/2017). Huwa qiegħed jiġi akkużat b'akkużi illi ġraw f'żewġ episodji separati, u cioe fit-tlieta (3) ta' Mejju 2006 u fit-tmienja u għoxrin (28) ta' Jannar 2014. Fiż-

[2] It-traskrizzjoni tax-xhieda tagħha tinsab a fol 38 *et seq* tal-proċess, u d-dokumenti minnha esebiti jinsabu a fol 42 *et seq* tal-proċess

żewġ istanzi, iżda, l-akkużi jirrigwardaw negozji ta' droga, u reati kontra l-Ordinaza dwar il-Mediċini Perikolużi (Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta);

21. Fir-rigward tal-akkużi fil-konfront tar-rikorrent illi allegatament seħħew nhar it-tlieta (3) ta' Mejju 2006, kien għamel stqarrija ġuramentata ċertu Joseph Zerafa, sabiex jipprevalixxi ruħu mill-Artikolu 29 tal-Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta, illi fiha implika lir-rikorrent bħala wieħed minn numru ta' persuni involuti f'negozju ta' droga illi seħħ f'Marsaxlokk illi bih kien qiegħed jiġi akkużat hu stess. Infatti, ittieħdu proċeduri kriminali separati fil-konfront ta' Joseph Zerafa u terzi (*Ir-Repubblika ta' Malta v. Joseph Zerafa et*, Att t'Akkuża Nru 31/2007), illi ġew deċiżi b'mod finali nhar il-ħmistax (15) ta' Diċembru 2015[3]. Mill-atti tal-proċeduri penali meħuda fil-konfront tar-rikorrent u esebiti fl-atti ta' din il-kawża, jirriżulta illi Joseph Zerafa deher ħames darbiet fil-proċeduri miġjuba fil-konfront tar-rikorrent:

i. Ta stqarrija ġuramentata minn jeddu quddiem il-Maġistrat Inkwirenti fl-għoxrin (20) ta' Jannar 2010, ai termini tal-Artikolu 29 tal-Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta[4];

ii. Ta stqarrija ġuramentata ulterjuri minn jeddu quddiem il-Maġistrat Inkwirenti fil-wieħed u għoxrin (21) ta' Jannar 2010, ai termini tal-Artikolu 29 tal-Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta[5];

iii. Imressaq bħala xhud quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja fil-Kumpilazzjoni Nru 114/2014 fl-ismijiet *Il-Pulizija vs Malcolm (Malcolm-Joseph) Falzon* nhar il-ħmistax (15) t'April 2014, huwa għażel illi ma jixhidx stante illi kienu għadhom pendenti l-proċeduri penali fil-konfront tiegħu nnifsu[6];

---

[3] Vide sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali esebita bħala **Dok SCT1** a fol 42 *et seq* tal-proċess
[4] Process Verbal Nru 92/10 redatt mill-Maġ (illum Onor Imħ) Dr Doreen Clarke, magħluq fit-22 ta' Jannar 2010 dwar Rikors ta' Joseph Zerafa dwar Dikjarazzjoni Ġuramentata preżentat nhar l-20 ta' Jannar 2010, formanti parti minn **Dok SCT1**, a fol 38 *et seq*
[5] Ibid, a fol 94 *et seq* f'**Dok SCT1**
[6] A fol 202 f'**Dok SCT1**

iv. Xehed quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja fil-Kumpilazzjoni Nru 114/2014 fl-ismijiet *Il-Pulizija vs Malcolm (Malcolm-Joseph) Falzon* nhar l-ewwel (1) ta' Ġunju 2016[7], u d-depożizzjoni tiegħu ġiet sospiża;

v. Reġa' xehed quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja fil-Kumpilazzjoni Nru 114/2014 fl-ismijiet *Il-Pulizija vs Malcolm (Malcolm-Joseph) Falzon* nhar it-tlettax (13) ta' Lulju 2016[8], u d-dritt ta' kontro-eżami ġie riservat;

22. Mill-banda l-oħra, f'dawk illi huma l-akkużi fil-konfront tar-rikorrent illi allegatament seħħew nhar it-tmienja u għoxrin (28) ta' Jannar 2014, Carmelo Luca tressaq bħala xhud quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja fil-Kumpilazzjoni Nru 114/2014 fl-ismijiet *Il-Pulizija vs Malcolm (Malcolm-Joseph) Falzon* nhar is-sitta (6) ta' Marzu 2014[9], u nhar it-tlieta u għoxrin (23) ta' Settembru 2015[10], iżda għażel illi ma jixhidx stante illi għadhom pendenti l-proċeduri penali meħuda fil-konfront tiegħu. Il-proċeduri penali fil-konfront ta' Carmelo Luca għadhom sal-ġurnata tal-lum pendenti, kif jixhdu d-dokumenti esebiti fl-atti tal-kawża odjerna bħala **Dok SCT2 sa SCT7** a fol 56 *et seq* tal-proċess;

23. Permezz tal-kawża odjerna, ir-rikorrent qiegħed jilmenta mill-fatt illi l-Avukat Ġenerali indika lil Joseph Zerafa u lil Carmelo Luca bħala xhieda fil-lista ta' xhieda illi bi ħsiebu jipproduċi waqt il-ġuri, mill-użu tal-istqarrija ġuramentata ta' Joseph Zerafa bħala prova fil-ġuri. Ir-rikorrent qed jikkontendi illi bil-produzzjoni ta' dawn ix-xhieda, sejrin jiġu leżi d-drittijiet tiegħu kif sanċiti fl-Artikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni ta' Malta, u tal-Artikoli 6(1), 14, u l-Ewwel Artikolu tal-Protokoll Nru 12 tal-Konvenzjoni Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem.

---

[7] A fol 444 *et seq* f'**Dok SCT1**
[8] A fol 460 *et seq* f'**Dok SCT1**
[9] A fol 175 f'**Dok SCT1**
[10] A fol 411 f'**Dok SCT1**

**Konsiderazzjonijiet fil-Mertu**

**A. Rimedji Ordinarji**

24. Fl-ewwel paragrafu tar-risposta tagħhom, l-intimati jeċċepixxu illi r-rikorrent ma eżawrixxiex ir-rimedji ordinarji mogħtija lilu mil-liġi, stante ill, fil-każ tax-xhud Carmelo Luca, huwa ma ressaqx eċċezzjoni preliminari dwar dan ix-xhud fiż-żmien mogħti lilu a tenur tal-Artikolu 438(2) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta. Għalhekk l-intimati jsostnu illi din il-Qorti għandha tiddeklina milli tistħarreġ ulterjorament l-ilmenti tar-rikorrent a tenur tal-proviso tal-Artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u tal-*proviso* tal-Artikolu 4(2) tal-Kap 319 tal-Liġijiet ta' Malta;

25. L-Artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta jistabbilixxi illi:

> *(2) Il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili għandu jkollha ġurisdizzjoni oriġinali li tisma' u tiddeċidi kull talba magħmula minn xi persuna skont is-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu, u tista' tagħmel dawk l-ordnijiet, toħroġ dawk l-atti u tagħti dawk id-direttivi li tqis xierqa sabiex twettaq, jew tiżgura t-twettiq ta' kull waħda mid-disposizzjonijiet tal-imsemmija artikoli 33 sa 45 (magħdudin) li għall-protezzjoni tagħhom tkun intitolata dik il-persuna:*
>
> *Iżda l-Qorti tista', jekk tqis li jkun desiderabbli li hekk tagħmel, tirrifjuta li teżerċita s-setgħat tagħha skont dan is-subartikolu f'kull każ meta tkun sodisfatta li mezzi xierqa ta' rimedju għall-ksur allegat huma jew kienu disponibbli favur dik il-persuna skont xi liġi oħra.*

Mill-banda l-oħra, Artikolu 4(2) tal-Kap 319 tal-Liġijiet ta' Malta jistabbilixxi illi:

> *(2) Il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili għandu jkollha ġurisdizzjoni oriġinali li tisma' u tiddeċiedi kull talba magħmula minn xi persuna skont is-subartikolu (1), u tista' tagħmel dawk l-ordnijiet, toħroġ dawk l-atti u tagħti dawk id-direttivi li tqis xierqa sabiex twettaq, jew tiżgura t-twettiq tad-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fundamentali li għat-tgawdija tagħhom tkun intitolata dik il-persuna:*
>
> *Iżda l-qorti tista', jekk tqis li jkun desiderabbli li hekk tagħmel, tirrifjuta li teżerċita s-setgħat tagħha skont dan is-subartikolu f'kull każ meta tkun sodisfatta li mezzi xierqa ta' rimedju għall-ksur allegat huma jew kienu disponibbli favur dik il-persuna skont xi liġi ordinarja oħra.*

26. Referenza ssir għal dak illi ġie ritenut mill-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza mogħtija fl-ismijiet ***Elvia Scerri et vs Awtorita' tad-Djar et***[11], fejn intqal:

> *31. Illi huwa risaput li bil-provisos għall-Artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 4(2) tal-Konvenzjoni, il-Leġislatur ħalla fid-diskrezzjoni prudenti tal-Prim'Awla fil-ġurisdizzjoni kostituzzjonali tagħha biex, min-naħa l-waħda ma jitħallewx isiru kawżi kostituzzjonali jew taħt il-Kap 319 inutilment, iżda min-naħa l-oħra jiġi assigurat li f'każijiet li jimmeritaw li jiġu eżaminati sew taħt il-lenti Kostituzzjonali jew tal-Konvenzjoni, dawn jiġu hekk eżaminati fid-dawl tar-rimedju jew rimedji li huma jew kienu disponibbli favur il-persuna li tkun qed tallega*

[11] Rik Nru 59/2010, Qorti Kostituzzjonali, 13 t'April 2018

*vjolazzjoni tad-drittijiet fundamentali tagħha. Indubitament, il-provisos marbutin maż-żewġ Artikoli appena msemmija ma humiex intiżi biex il-Qorti taħrab mir-responsabbilita' li tieħu konjizzjoni ta' ilmenti ta' natura kostituzzjonali, iżda mill-perspettiva l-oħra wieħed irid iqis li jekk hemm jew kien hemm rimedji ordinarji adegwati u effettivi, il-Qorti fil-ġurisdizzjoni tagħha kostituzzjonali għandha l-fakolta' tidderiġi ruħha lejn ir-rifjut tal-eżerċizzju tas-setgħat tagħha taħt l-Artikoli kostituzzjonali u konvenzjonali fuq indikat, iżda dejjem meħud kont tal-gravita' tal-leżjoni lamentata, il-konsegwenzi għall-applikant tal-istess leżjoni u l-interess aktar ġenerali tal-pubbliku filli tiġi kjarifikata l-pożizzjoni kostituzzjonali.*

27. Il-Qorti Kostituzzjonali tagħmel imbagħad f'din is-sentenza referenza għall-insenjament tagħha f'sentenza oħra mogħtija minnha stess fl-ismijiet ***Olena Tretyak vs Direttur taċ-Ċittadinanza u Expatriate Affairs***[12], fejn kienet elaborat kif isegwi:

*Illi dwar din l-eċċezzjoni, għandu jingħad li l-Qorti jkollha, min-natura tal-eċċezzjoni nfisha, tqisha fuq il-bażi ta' dak li jidher mill-atti prima facie. Ma jistax ikun mod ieħor, għaliex jekk il-Qorti kellha tidħol biex tqis il-provi fil-mertu, jkun ifisser li diġa' tkun qieset li hija sejra twettaq il-ġurisdizzjoni tagħha. Min-naħa l-oħra, il-fatt li l-Qorti f'dan l-istadju, tgħid li hija sejra twettaq is-setgħat li għandha biex tisma' l-każ ma jfissirx li b'hekk l-ilment tar-rikorrenti huwa wieħed mistħoqq jew li, minn dak li jirriżulta, ma jistax ikun li l-azzjoni tiegħu tirriżulta li kienet, wara kollox, waħda fiergħa jew maħsuba biss biex iddejjaq;*

---

[12] Appell Nru 22/2005, Qorti Kostituzzjonali, 16 ta' Jannar 2006

*[...]*

*Illi l-eżistenza ta' rimedju ieħor lill-parti li tressaq azzjoni ta' allegat ksur ta' jedd fondamentali taħt il-Kostituzzjoni jew taħt il-Konvenzjoni għandha tirriżulta lill-Qorti bħala stat ta' fatt attwali u obbjettiv, u d-diskrezzjoni li tista' twettaq il-Qorti biex ma teżerċitax is-setgħat tagħha "jekk tqis li jkun desiderabbli li hekk tagħmel" minħabba l-eżistenza ta' rimedju ieħor hija deċiżjoni fuq tali stat ta' fatt. Kemm hu hekk, huwa biss meta jew jekk jirriżulta lill-Qorti bħala fatt li (kien) jeżisti rimedju ieħor effettiv lir-rikorrent li l-Qorti tista' tiddelibera jekk għandhiex twarrab milli teżerċita s-setgħa tagħha li tisma' l-ilment imressaq quddiemha* [Ara Kost. **31.5.1999** fil-kawża fl-ismijiet *Zahra v. Awtorita' tal-Ippjanar* (Kollez. Vol: LXXXIII.i.179)]. *F'każ li ma jirriżultax li kien hemm rimedju ieħor xieraq, il-Qorti trid tieħu konjizzjoni tal-ilment, u f'każ li kien hemm rimedju ieħor, il-Qorti jibqgħalha s-setgħa li tiddeċiedi li ma eċċediex l-eżerċizzju tas-setgħa tagħha;*

*Illi ma jrid bl-ebda mod jintesa li d-diskrezzjoni li l-Qorti għandha f'dan ir-rigward trid titwettaq b'mod korrett u mmirata lejn l-iskop li l-leġislatur ried li jilħaq biha: jiġifieri, li filwaqt li ma jitħallewx isiru kawżi kostituzzjonali bla bżonn, min-naħa l-oħra ma jiġrix li, minħabba tħaddim "liberali" tad-diskrezzjoni, persuna tinżamm milli tmexxi 'l quddiem azzjoni bħal din meta jkun jidher li l-każ huwa wieħed serju li jimplika t-telf jew tnaqqir ta' jedd fondamentali għal dik il-persuna. Kif ingħad dan l-aħħar f'dan ir-rigward, din id-diskrezzjoni għandha dejjem tiġi wżata fl-aħjar interess tal-amministrazzjoni tal-ġustizzja,*

*biex, min-naħa l-waħda, il-Qrati ta' indoli kostituzzjonali ma jsibux ma' wiċċhom kawżi li messhom jew setgħu tressqu quddiem Qrati oħrajn kompetenti jew li dwarhom messhom jew setgħu jitfittxu rimedji oħrajn imċaħħda mir-rimedji li għandha jedd tfittex taħt il-Kostituzzjoni jew taħt il-Kap 319 tal-Liġijiet ta' Malta* [Kost. **27.2.2003** fil-kawża fl-ismijiet *John Sammut vs Awtorita' tal-Ippjanar et*];

*Illi meta jingħad li jkun hemm rimedju ieħor xieraq, dejjem ikun qiegħed jitfisser li tali rimedju jrid jitqies fid-dawl tal-ksur tal-jedd fondamentali li jkun qed jiġi allegat li nkiser jew li jkun mhedded li sejjer jinkiser: għandu jkun rimedju aċċessibbli, xieraq, effettiv u adegwat biex jindirizza l-ksur jew theddid ta' ksur lamentat* [Ara Kost **5.4.1991** fil-kawża fl-ismijiet *Vella vs Kummissarju tal-Pulizija et* (Kollez. Vol: LXXV.i.106)]. *M'hemmx għalfejn li, biex jitqies bħala effettiv, ir-rimedju jintwera bħala wieħed li se jagħti lir-rikorrent suċċess garantit, biżżejjed li jintwera li jkun wieħed li jista' jiġi segwit b'mod prattiku, effettiv u effikaċi* [PA Kost **9.3.1996** fil-kawża fl-ismijiet *Clitfon Borg vs Kummissarju tal-Pulizija* (mhux pubblikata)];

28. Finalment, imbagħad, il-Qorti Kostituzzjonali tagħmel referenza għal numru ta' prinċipji, bħal speċi *check-list* jew linjigwida, illi għandhom iwasslu lil Qorti sabiex tqis jekk huwiex minnu jew le li r-rikorrent kellu għad-disposizzjoni tiegħu rimedju alternattiv effettiv:

*Fost dawn il-prinċipji wieħed isib li (a) meta jidher ċar li jeżistu mezzi ordinarji disponibbli għar-rikorrent biex jikseb rimedju għall-ilment tiegħu, ir-rikorrent għandu jirrikorri għal tali mezzi qabel ma jirrikorri għar-rimedju*

*kostituzzjonali, u huwa biss wara li jkun fittex dawk il-mezzi jew wara li jidher li dawk il-mezzi ma jkunux effettivament disponibbli li għandu jintuża r-rimedju kostituzzjonali; (b) li d-diskrezzjoni li tuża l-Qorti biex tqis jekk għandhiex twettaq is-setgħat tagħha li tisma' kawża ta' natura kostituzzjonali għandha torbot, sakemm ma tinġiebx xi raġuni serja u gravi ta' illegalita', inġustizzja jew żball manifest fl-użu tagħha; (c) m'hemm l-ebda kriterju stabbilit minn qabel dwar l-użu tal-imsemmija diskrezzjoni, billi kull każ jeħtieġ jiġi mistħarreġ fuq iċ-ċirkostanzi tiegħu; (d) in-nuqqas waħdu ta' teħid ta' mezzi ordinarji mir-rikorrent m'huwiex raġuni biżżejjed biex Qorti ta' xejra kostituzzjonali taqtagħha li ma tużax is-setgħat tagħha li tisma' l-ilment, jekk jintwera li l-imsemmija mezzi ma kinux tajbin biex jagħtu rimedju sħiħ lir-rikorrent għall-ilment tiegħu; (e) in-nuqqas ta' teħid ta' rimedju ordinarju – ukoll jekk seta' kien għal kollox effettiv biex jindirizza l-ilment tar-rikorrent – minħabba l-imġiba ta' ħaddieħor m'għandux ikun raġuni biex il-Qorti twarrab is-setgħat tagħha li tisma' l-ilment kostituzzjonali tar-rikorrent* [PA (Kost) VDG **9.2.2000** fil-kawża fl-ismijiet *Victor Bonavia vs. L-Awtorita' tal-Ippjanar et*]; *(f) l-eżerċizzju minn Qorti (tal-ewwel grad) tad-diskrezzjoni tagħha bla tistħarreġ il-materja neċessarja li fuqha tali diskrezzjoni għandha titwettaq, jagħti lill-Qorti tat-tieni grad is-setgħa li twarrab dik id-diskrezzjoni* [Ara Kost **7.3.1994** fil-kawża fl-ismijiet *Vella vs Bannister et* (Kollez Vol LXXVIII.I.48) u Kost **12.12.2002** fil-kawża fl-ismijiet *Visual & Sound Communications Ltd vs Il-Kummissarju tal-Pulizija et*]; *u (g) meta r-rimedju jaqa' fil-kompetenza ta' organu ieħor jew meta s-smigħ tal-ilment tar-rikorrent se jwassal biex l-indaġni ġudizzjarja u l-proċess l-ieħor tas-smigħ tar-*

*rimedju ordinarju jkunu duplikazzjoni ta' xulxin, il-Qorti kostituzzjonali għandha ttendi lejn ir-rifjut li tuża s-setgħat tagħha kostituzzjonali, sakemm l-indaġni ġudizzjarja tal-każ ma tkunx, min-natura tagħha, ixxaqleb iżjed lejn kwistjoni kostituzzjonali* [PA Kost **29.10.1993** fil-kawża fl-ismijiet *Maria Gaffarena vs Kummissarju tal-Pulizija* (mhux pubblikata)]*;*

29. Il-punto di partenza huwa, bla dubju, dak illi qiegħed jitlob ir-rikorrent fil-kawża odjerna, u cioe: (a) ordni tal-isfilz tax-xhieda li ġa ngħatat minn Joseph Zerafa, u projbizzjoni illi Joseph Zerafa u Carmelo Luca jiddeponu fil-ġuri; jew (b) illi l-atti jiġu rinvjati lura lill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, biex dawn iż-żewġ xhieda jixhdu quddiem dik il-Qorti, u b'hekk ir-rikorrent jingħata d-dritt ta' doppju eżami. Għaldaqstant jirriżulta illi dak illi qed jintalab fil-każ ta' Carmelo Luca, huwa illi jiġi projbit milli jixhed fil-ġuri, jew illi jintalab jixhed quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali wara li jerġgħu jiġu lilha rinvjati l-atti;

30. L-Artikolu 438(2) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta jagħti lill-akkużat id-dritt illi, permezz ta' nota preżentata fir-Reġistru tal-Qorti mhux aktar tard minn ħmistax-il jum tax-xogħol mid-data illi biha jiġi notifikat bl-att t'akkuza u n-nota ta' xhieda, dokumenti u oġġetti oħra li jkollu l-ħsieb li jipproduċi fil-ġuri, jagħti avviż dwar, *inter alia*, kull eċċezzjoni dwar ammissibbilita' tal-provi li jkollu l-ħsieb li jagħti;

31. Fl-atti ta' din il-kawża ġew esebiti wkoll l-atti tal-Appell Nru 9/17 quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet *Ir-Repubblika ta' Malta vs Malcolm Joseph Falzon*, liema appell ġie intavolat mid-deċiżjoni dwar l-eċċezzjonijiet preliminari sollevati mir-rikorrent quddiem il-Qorti Kriminali. Jirriżulta mir-rikors t'appell tar-rikorrent stess[13] illi l-unika eċċezzjoni

[13] A fol 1 *et seq* fid-dokument imsemmi *Appell 9-2017* formanti parti minn **Dok SCT1**

preliminari illi setgħet b'xi mod tagħmel referenza għax-xhieda prospettiva ta' Carmelo Luca kienet il-ħames (5) eċċezzjoni, u cioe:

> *5. L-inammissibilita' tal-partijiet ta' l-atti proċesswali fl-ismijiet premessi relatati ma' proċeduri ta' terzi u inklużi biss biex joħolqu preġudizzju inġust lill-esponent, liema eċċezzjoni ta' inammissibilita' qed tingħata in bażi għal nuqqas ta' rilevanza manifesta;*

Madanakollu, fl-istess rikors stess, ir-rikorrent jgħid, *"Illi permezz ta' nota ppreżetata fl-10 ta' Diċembru, 2018, l-esponent irtira l-ħames eċċezzjoni."*[14] Għaldaqstant ma jirriżultax lil din il-Qorti illi r-rikorrent issolleva xi eċċezzjoni dwar il-fatt illi Carmelo Luca ġie indikat bħala xhud tal-Avukat Ġenerali. Dan b'kunrtast mal-eċċezzjonijiet preliminari sollevati mir-rikorrent akkużat fir-rigward tal-ammissibilita' o meno ta' Joseph Zerafa bħala xhud u l-istqarrija ġuramentata tiegħu;

32. Konsegwentement, din il-Qorti tqis illi għandhom raġun l-intimati jeċċepixxu illi, fil-każ ta' Carmelo Luca, ir-rikorrent naqas milli jeżawrixxi ruħu mir-rimedju ordinarju a dispożizzjoni tiegħu fit-termini tal-Artikolu 438(2) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta, liema rimedju ordinarju kellu l-possibilta' illi jagħti lir-rikorrent l-istess rimedju illi qiegħed jiġi minnu mitlub fil-kawża odjerna. Għaldaqstant, din il-Qorti tqis illi hija għandha **tiddeklina milli tistħarreġ ulterjorment l-ilmenti tar-rikorrent in kwantu dawn jagħmlu referenza għall-produzzjoni ta' Carmelo Luca bħala xhud fil-ġuri illi għandu jiġi ċelebrat fil-konfront tar-rikorrent**, u dan fit-termini tal-*proviso* tal-Artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta, u l-*proviso* tal-Artikolu 4(2) tal-Kap 319 tal-Liġijiet ta' Malta.

[14] Vide wkoll nota tal-akkużat a fol 61 tad-dokument imsemmi *Jury fol 1-207* formanti parti minn **Dok SCT1**

## B. **Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea: Intempestivita' tal-Proċeduri Odjerni**

33. Fit-tieni paragrafu tar-risposta tagħhom, l-intimati jeċċepixxu l-intempestivita' tal-proċeduri odjerni, stante li l-proċeduri fil-konfront tar-rikorrent għadhom m'humiex konklużi, u li sabiex din il-Qorti tkun tista' tqis jekk hemmx leżjoni tad-dritt għal smigħ xieraq, jeħtieġ li tqis it-totalita' tal-proċeduri;

34. Gialadarba din il-Qorti diġa' ddikjarat illi ser tinvoka l-*proviso* tal-Artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-*proviso* tal-Artikolu 4(2) tal-Kap 319 tal-Liġijiet ta' Malta fir-rigward tat-talbiet illi jirrigwardaw lil Carmelo Luca, din il-Qorti sejra tgħaddi sabiex tindirizza t-tieni eċċezzjoni sollevata mill-intimati unikament fir-rigward tat-talbiet illi jirrigwardaw lil Joseph Zerafa;

35. Huwa s'issa ben saput illi meta wieħed jitkellem dwar id-dritt għal smigħ xieraq kif protett mill-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea, wieħed għandu jikkunsidra l-proċess penali fit-totalita' tiegħu, u mhux b'mod spezzat, jew b'referenza fuq inċidenti partikolari. Dan stante illi gialadarba l-proċess kriminali jkun għadu ma ġiex mitmum, ikun għadu ma ġiex magħruf kif u taħt liema ċirkostanzi l-akkużat ikun ser jiġi żvantaġġjat. Infatti, il-Qorti Kostituzzjonali, fis-sentenza mogħtija fl-ismijiet ***Joseph Lebrun vs L-Avukat Ġenerali et***[15], irriteniet:

> *23. Inoltre, f'dan l-istadju meta l-ġuri għad irid isir, wieħed ma jistax jaqbad u jqis b'mod iżolat prova li hemm fl-atti tal-kompilazzjoni. Il-ġurisprudenza hi ċara li fejn l-ilment jitratta dwar il-jedd fundamentali għal smigħ xieraq fil-kors tal-proċeduri kriminali minħabba ċertu provi fl-atti, wieħed irid jikkunsidra l-proċess fit-totalità tiegħu sabiex jasal għall-konklużjoni. F'dan il-kuntest il-Qorti tagħmel referenza għal dak li qalet fis-sentenza **Romario***

[15] Rik Nru 221/22/1, Qorti Kostituzzjonali, 24 ta' Ġunju 2024

*__Barbara v. L-Avukat Ġenerali__ tat-12 ta' Lulju, 2023 u l-ġurisprudenza saret referenza għaliha.*

36. Is-sentenza mogħtija fl-ismijiet ***Ramon Fenech vs L-Avukat tal-Istat***[16] kienet titratta mertu simili ħafna għal dak odjern, fejn Fenech allega illi l-użu ta' xhieda ta' ko-akkużat illi xehed waqt li kien għad hemm proċeduri kriminali kontrih konnessi mal-każ tal-attur, kien wassal u/jew ser iwassal għall-ksur tal-jedd fundamentali għal smigħ xieraq. Il-Qorti Kostituzzjonali qalet:

> *21. Għalkemm dak li xehed Sancto fis-16 u 17 ta' Frar 2011 fih innifsu hu prova, l-Imħallef li jippresjedi l-Qorti Kriminali fil-ġuri ser jagħmel indirizz lill-ġurati skont l-Art. 465 tal-Kodiċi Kriminali u hemm ukoll dritt ta' appell. Dan apparti li Sancto xorta ser ikollu jixhed fil-ġuri u wieħed ma jistax joqgħod jispekula x'ser jgħid. Lanqas mhu magħruf x'jista jirriżulta minn provi oħra li jressaq l-Avukat Ġenerali jew l-attur innifsu, apparti l-fatt li l-attur ser ikun jista' jimpunja l-kredibilità ta' Sancto kemm waqt il-ġuri u kif ukoll f'eventwali appell f'każ ta' sejbien ta' ħtija. Fiċ-ċirkostanzi ġaladarba l-ġuri għad irid isir, għad hemm l-opportunità li jsir stħarriġ, jitressqu provi u jsiru argumenti dwar kif sar il-patteġġjament bejn ix-xhud Sancto u l-prosekuzzjoni, f'liema stadju sar, u li dik ix-xhieda ngħatat b'wegħda jew twebbil ta' vantaġġ. Id-difiża għad għandha l-opportunità li waqt il-ġuri timpunja l-kredibilità ta' Sancto. Hu biss wara li jsir il-ġuri u jiġu konklużi l-proċeduri kriminali kollha kontra l-attur li jkun jista' jsir ġudizzju dwar dak li l-QEDB tirreferi għalih bħala l-overall fairness of the criminal proceedings.*

[16] Rik Nru 55/22/1, Qorti Kostituzzjonali, 25 t'Ottubru 2023

*22. Però kif rajna f'dan il-każ il-kwistjoni hi dwar l-ammissibilità tax-xhieda ta' Sancto bħala prova minħabba li l-attur isostni li skont il-liġi kriminali ma kienx xhud kompetenti meta xehed billi kien hemm proċeduri kriminali kontrih ukoll li kienu għadhom sub judice. Kwistjoni li ġiet trattata u ngħatat sentenza dwarha l-ewwel mill-Qorti Kriminali u mbagħad mill-Qorti tal-Appell Kriminali. Proċess li fih l-attur għamel l-argumenti tiegħu u l-qrati ta' ġurisdizzjoni kriminali ddeċidew. F'dak l-istadju l-attur altru milli kellu smigħ xieraq. Il-fatt li ma jaqbilx mal-konklużjoni li waslu għaliha dawk il-qrati ma jfissirx li hu vittma ta' ksur tal-jedd fundamentali għal smigħ xieraq.*

37. Applikati b'analoġija dawn il-prinċipji għall-każ odjern, din il-Qorti tagħmel is-segwenti osservazzjonijiet:

a. Meta xehed Joseph Zerafa quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja wara illi ġew deċiżi b'mod definittiv il-proċeduri penali fil-konfront tiegħu, ir-rikorrent għażel illi ma jissuġġettax lil dan ix-xhud għal kontro-eżami. In-nuqqas tiegħu illi jikkontro-eżamina lix-xhud kienet għalhekk deċiżjoni tiegħu, u ma ġie bl-ebda mod allegat u/jew pruvat illi ġie rifjutat lilu dan id-dritt;

b. Diġa ġiet mogħtija lir-rikorrent il-possibilta' illi joġġezzjona għall-produzzjoni ta' dan ix-xhud, dritt illi huwa użufruwixxa ruħu minnu permezz tal-eċċezzjonijiet preliminari minnu sollevati quddiem il-Qorti Kriminali, u l-appell minnu intavolat mid-deċiżjoni tal-Qorti Kriminali quddiem il-Qorti tal-Appelli Kriminali. Hekk kif ngħad fis-sentenza ***Fenech*** appena ċitata, il-fatt illi r-rikorrent ma qabilx mad-deċiżjoni tal-Qrati ta' ġurisdizzjoni Kriminali ma jfissirx illi b'daqshekk ġie leż id-dritt fundamentali tiegħu għal smigħ xieraq;

c. Joseph Zerafa għadu jrid jixhed fil-ġuri, bid-dritt tar-rikorrent illi jikkonduċi kontro-eżami tal-istess xhud sabiex jimpunja l-istess xhieda u l-istqarrija ġuramentata illi għamel Joseph Zerafa stess;

d. Il-ġurati ser jaslu għad-deċiżjoni tagħhom wara illi jkun sar l-indirizz lilhom mill-Imħallef sedenti u a bażi tal-provi **kollha** prodotti quddiemhom mill-partijiet, b'dana illi r-rikorrent għad għandu kull dritt illi jġib kwalsiasi prova illi tista' b'xi mod tikkontradixxi dak illi xehed u għad irid jixhed is-Sur Zerafa;

e. F'każ illi r-rikorrent jinstab ħati mill-ġurija, huwa jibqagħlu wkoll id-dritt t'appell;

38. Dawn huma kollha, fil-fehma tal-Qorti, salvagwardji għad-dritt tar-rikorrent għal smigħ xieraq, u wħud minnhom huma salvagwardji illi r-rikorrent għadu ma kellux l-opportunita' illi jutilizza, għaliex il-ġuri għadu jrid jiġi ċelebrat. Għaldaqstant, din il-Qorti tqis illi għandhom raġun l-intimati jsostnu illi l-proċeduri odjerni huma intempestivi in kwantu r-rikorrent qiegħedi sostni illi ser jiġi leż id-dritt tiegħu għal smigħ xieraq, stante illi: (a) fil-preżent ma jistgħux jiġu kkonsidrati l-proċeduri meħuda fil-konfront tar-rikorrent *as a whole*; u (b) fi kwalunkwe każ u mingħajr preġudizzju għal dan il-punt, mill-provi illi tressqu dwar l-andament tal-proċeduri penali meħuda fil-konfront tar-rikorrent s'issa, jirriżulta illi r-rikorrent ngħata l-possibilta' illi jagħmel kontro-eżami ta' Joseph Zerafa saħansitra anke waqt il-Kumpilazzjoni, anke jekk ir-rikorrent naqas milli jużufruwixxi ruħu minn dan il-jedd. Għaldaqstant jirriżulta illi mhux minnu dak illi jsostni r-rikorrent fir-rikors promotur fil-kawża odjerna, u cioe illi Joseph Zerafa xehed biss fl-istadju ta' l-inkjesta u mhux waqt il-kumpilazzjoni;

39. Din il-Qorti hija wkoll konfortata fil-fehma tagħha mid-deċiżjoni tal-Qorti ta' Strasburgu mogħtija fl-ismijiet ***Kostovski v. The Netherlands***[17], u cioe:

[17] Appl Nr 11454/85, QEDB, 20 ta' Novembru 1989

*41. In principle, all the evidence must be produced in the presence of the accused at a public hearing with a view to adversarial argument (see the above-mentioned Barberà, Messegué and Jabardo judgment, Series A no. 146, p. 34, § 78). This does not mean, however, that in order to be used as evidence statements of witnesses should always be made at a public hearing in court: to use as evidence such statements obtained at the pre-trial stage is not in itself inconsistent with paragraphs 3 (d) and 1 of Article 6 (art. 6-3-d, art. 6-1) provided the rights of the defence have been respected.*

*As a rule, these rights require that an accused should be given an adequate and proper opportunity to challenge and question a witness against him, either at the time the witness was making his statement or at some later stage of the proceedings (see, mutatis mutandis, the Unterpertinger judgment of 24 November 1986, Series A no. 110, pp. 14-15, § 31).*

Hekk kif ġia ġie osservat aktar 'il fuq, filwaqt illi huwa minnu illi r-rikorrent ma kellux id-dritt ta' kontro-eżami fil-mument illi fih Joseph Zerafa għamel l-istqarrija ġuramentata tiegħu ai termini tal-Artikolu 29 u l-Artikolu 30A tal-Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta, huwa diġa kellu (waqt il-Kumpilazzjoni), u għadu ser ikollu d-dritt illi jikkonduċi kontro-eżami tal-istess xhud waqt il-ġuri, b'dana għalhekk illi d-dritt tiegħu għal smigħ xieraq ma jidhirx illi huwa f'riskju illi jiġi leż;

40. Ir-rikorrent għamel referenza għal diversi deċiżjonijiet tal-Qorti Ewropea fir-rikors promotur, u din il-Qorti sejra, għall-fini ta' kompletezza, tindirizzahom waħda waħda:

- ***Adamčo v. Slovakia***: Il-Qorti Ewropea sabet ksur tad-dritt għal smigħ xieraq għaliex l-użu ta' xhieda ta' persuna suspettata illi kellha x'taqsam fir-reat illi bih kien qed jiġi akkużat Adamčo fil-ġuri *"was not accompanied by appropriate safeguards so as to ensure the overall fairness of the proceedings"*. Dan stante illi, *inter alia*, (a) *"the advantage obtained by M. went beyond a reduction of sentence or financial benefit, but practically meant impunity for an offence of unlawful killing"*, (b) *"As regards any judicial review of matters concerning M's plea-bargain arrangements in the applicant's own trial, as has been noted above, the review by the appellate court was inadequate* [...] *whereas the higher courts failed to respond to his argument altogether"*, u (c) *"all the decisions concerning the prosecution of M. were taken under the sole responsibility of the prosecution service with no element of any judicial control".* Mhux talli, għalhekk, din is-sentenza ma tagħtix konfort lit-teżi tar-rikorrent, iżda talli tkompli saħansitra tikkonferma t-teżi tal-intimati illi, hekk kif qalet il-Qorti Ewropea stess fl-istess sentenza ċitata mir-rikorrent, *"The Court's primary conern under Article 6 § 1 is to evaluate the overall fairness of the criminal proceedings"*, ħaġa illi din il-Qorti m'għandha, fil-preżent, l-ebda possibilita' illi tagħmel gialadarba l-proċeduri penali fil-konfront tar-rikorrent għadhom pendenti;

- ***Habran and Dalem v. Belgium***: Fil-paragrafu illi jsegwi dak riprodott mir-rikorrent fir-rikors promotur, il-Qorti Ewropea qalet, *"the Convention does not preclude reliance, at the preliminary investigation stage and where the nature of the offence may warrant it, on sources such as anonymous informants. However, the subsequent use of such sources by the trial court to found a conviction is a different matter and is acceptable only if adequate and sufficient safeguards against abuse are in place, in particular a clear and foreseeable procedure for authorising, implementing and supervising the investigative measures in question"*, u kompliet fil-

paragrafu ta' wara illi, *"the use of statements of dubious origin does not render the holding of a fair trial impossible"*. Qalet ukoll il-Qorti Ewropea, *"at no stage in the proceedings were the applicants prevented from disputing the reliability of the witnesses or the content and credibility of their statements"* u *"at no stage in the proceedings did the prosecution rely on non-disclosed facts, and that such facts were never brought to the attention of the jury",* b'dana għalhekk illi, *"the proceedings as a whole were surrounded by sufficiently solid guarantees and were not unfair vis-à-vis either of the applicants."* Dan huwa preċiżament dak illi qiegħda ssostni din il-Qorti f'din id-deċiżjoni, u cioe illi, kuntrarjament għal dak illi qed isostni r-rikorrent, il-fatt innifsu illi tintuża stqarrija mogħtija fl-inkjesta, fejn ma kienx hemm dritt għal *doppio esame*, ma jfissirx, minnu nnifsu, illi ġie leż jew ser jiġi leż id-dritt tar-rikorrent għal smigħ xieraq, gialadarba hemm garanziji oħra proċedurali illi permezz tagħhom jiġi salvagwardjat dan id-dritt tar-rikorrent;

- ***Unterpertinger v Austria***: F'dan il-każ, ix-xhieda illi kienu taw l-istqarrija illi a bażi tagħha ġie kundannat l-akkużat, kienu rrifjutaw illi jixhdu fil-ġuri, b'dana għalhekk illi l-akkużat ma kellux l-opportunita' illi jikkonduċi kontro-eżami tagħhom. Il-Qorti Ewropea qalet, *"Admittedly, it was for the Court of Appeal to assess the material before it as well as the relevance of the evidence which the accused sought to adduce; but Mr. Unterpertinger was nevertheless convicted on the basis of "testimony" in respect of which his defence rights were appreciably restricted."* Għal darb'oħra, din il-Qorti tirrileva illi saħansitra anke din is-sentenza tissostanzja s-sottomissjonijiet tal-intimati, u ssaħħaħ il-fehma ta' din il-Qorti, illi l-proċeduri odjerni, in kwantu jirrigwardaw l-allegata leżjoni tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea, huma intempestivi, stante illi, f'dan l-istadju, il-proċeduri penali fil-konfront tar-rikorrent għadhom pendenti;

41. Għaldaqstant, fid-dawl tal-premess, din il-Qorti sejra tgħaddi sabiex **tilqa**', f'dak illi jirrigwarda x-xhieda ġia mogħtija minn Joseph Zerafa u l-produzzjoni ta' Joseph Zerafa bħala xhud fil-ġuri illi ser jiġi ċelebrat fil-konfront tar-rikorrent, it-tieni eċċezzjoni sollevata mill-intimati, u tiddikjara illi l-ilment tar-rikorrent f'dak illi jirrigwarda x-xhieda ta' Joseph Zerafa huwa intempestiv, b'dana illi sejra **tastjeni** milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tiegħu.

## C. Artikolu 14 tal-Konvenzjoni Ewropea

42. L-Artikolu 14 jistabbilixxi illi:

> *It-tgawdija tad-drittijiet u libertajiet kontemplati f' din il-Konvenzjoni għandha tiġi assigurata mingħajr diskriminazzjoni għal kull raġuni bħalma huma s-sess, razza, kulur, lingwa, reliġjon, opinjoni politika jew opinjoni oħra, oriġini nazzjonali jew soċjali, assoċjazzjoni ma' minoranza nazzjonali, proprjeta`, twelid jew status ieħor.*

43. L-Artikolu 14 ma jistax jinqara in iżolament, iżda għandu jinqara fid-dawl tad-drittijiet l-oħra fil-Konvenzjoni. Jgħid infatti l-***Guide on Article 14 of the European Convention on Human Rights***[18]:

> *3. The Court has frequently underlined that Article 14 merely complements the other substantive provisions of the Convention and the Protocols (Molla Sali v. Greece [GC], 2018, § 123; Carson and Others v. the United Kingdom [GC], 2010, § 63; E.B. v. France [GC], 2008, § 47; Marckx v. Belgium, 1979, § 32). This means that Article 14 does not prohibit discrimination as such, but*

[18] < https://www.echr.coe.int/documents/d/echr/Guide_Art_14_Art_1_Protocol_12_ENG#:~:text=%E2%80%9CThe%20enjoyment%20of%20the%20rights,%2C%20birth%20or%20other%20status.%E2%80%9D> Verżjoni tal-31 t'Awwissu 2022

*only discrimination in the enjoyment of the "rights and freedoms set forth in the Convention". In other words, the guarantee provided by Article 14 has no independent existence (Case "relating to certain aspects of the laws on the use of languages in education in Belgium" v. Belgium (merits) ("the Belgian linguistic case"), 1968, § 9 of "the Law" part; Carson and Others v. the United Kingdom [GC], 2010, § 63; E.B. v. France [GC], 2008, § 47) and this Article forms an integral part of each of the Articles laying down rights and freedoms (the Belgian linguistic case, 1968, § 9 of "the Law" part; Marckx v. Belgium, 1979, § 32; Inze v. Austria, 1987, § 36). In practice the Court always examines Article 14 in conjunction with another substantive provision of the Convention.*

44. Fis-sentenza mogħtija fl-ismijiet ***Frette v. France***[19], il-Qorti Ewropea qalet:

*31. The Court has repeatedly held that Article 14 of the Convention is pertinent if "the subject-matter of the disadvantage ... constitutes one of the modalities of the exercise of a right guaranteed ..." (see National Union of Belgian Police v. Belgium, judgment of 27 October 1975, Series A no. 19, p. 20, § 45), or the contested measures are "linked to the exercise of a right guaranteed ..." (see Schmidt and Dahlström v. Sweden, judgment of 6 February 1976, Series A no. 21, p. 17, § 39). For Article 14 to be applicable, it is enough for the facts of the case to fall within the ambit of one or more of the provisions of the Convention (see Thlimmenos, cited above, and Inze v. Austria, judgment of 28 October 1987, Series A no. 126, p. 17, § 36).*

[19] Appl Nr 36515/97, 26 ta' Frar 2002

Fil-każ odjern, dak illi qiegħed jilmenta minnu r-rikorrent huwa leżjoni potenzjali tad-dritt tiegħu għal smigħ xieraq, kif sanċit mill-Artikolu 6 tal-Kovenzjoni Ewropea. Gialadarba, iżda, din il-Qorti qiegħda tinvoka l-*proviso* tal-Artikolu 4(2) tal-Kap 319 tal-Liġijiet ta' Malta fil-każ tax-xhieda ta' Carmelo Luca, u qed tastjeni milli tieħu konjizzjoni tal-ilment tar-rikorrent fil-każ tax-xhieda ta' Joseph Zerafa stante illi l-proċeduri odjerni huma intempestivi, lanqas jista' jiġi indagat jekk ġiex leż id-dritt tar-rikorrent kif sanċit mill-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni Ewropea. Dan peress illi l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea mhux qiegħed jitqies applikabbli għall-każ odjern, bil-konsegwenza illi l-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni Ewropea ma jista jinqara fid-dawl ta' ebda dritt ieħor;

45. In oltre, imbagħad, mingħajr preġudizzju għall-premess, anke li kieku kellu wieħed jattenta japplika l-Artikolu 14 għall-każ odjern, **Harris, O'Boyle u Warbrick** jgħidu:

> *Article 14 contains a long, and apparently non-exhaustive, list of characteristics which might render differential treatment discriminatory, so identifying the 'badge' on the basis of which the differential treatment is made is not usually a problem. Furthermore, these identified 'badges' are supplemented by an open-ended 'other status' category, which has been held to include sexual orientation, marital status, illegitimacy, status as a trade union, military status, conscientious objection, professional status, and imprisonment.*
>
> *[...]*
>
> *The Court has reiterated that Article 14 'is not concerned with all differences of treatment but only with differences having as their basis or reason a personal characteristic by which persons or group of persons are distinguishable*

> *from each other'. So it may be argued that the term 'other status' should restrict the application of Article 14 as the specific grounds listed all relate to some sort of 'personal characteristic' of a potential victim.*[20]

46. Huwa ċarissimu illi dik illi qiegħed jilmenta minnha r-rikorrent mhix diskriminazzjoni abbinata ma' *'personal characteristic'* tiegħu. Għaldaqstant, anke li kieku, għall-grazzja tal-argument, kellu japplika l-Artikolu 14 għall-każ in eżami, xorta waħda din il-Qorti ma setgħetx issib leżjoni tad-dritt fundamentali illi jipproteġi lil persuna minn diskriminazzjoni, stante illi huwa evidenti illi mhux qiegħed jiġi eżerċitat vis-a-vis r-rikorrent *"any unjustified difference in the enjoyment of rights and freedoms guaranteed by the Convention based on any of the criteria enumerated in a non-exhasutive manner by this Article"* (***Paraskeva Todorova v. Bulgaria***[21]);

47. Din il-Qorti sejra għalhekk **<u>tiċħad</u>** it-talbiet rikorrenti in kwantu qed tiġi allegata leżjoni tad-dritt tiegħu kif sanċit mill-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni Ewropea.

## D. <u>L-Artikolu 1 tal-Protokoll 12 tal-Konvenzjoni Ewropea</u>

48. L-Ewwel Artikolu tal-Protokoll 12 tal-Konvenzjoni Ewropea jgħid:

> *1. The enjoyment of any right set forth by law shall be secured without discrimination on any ground such as sex, race, colour, language, religion, political or other opinion, national or social origin, association with a national minority, properrty, birth or other status.*

[20] Harris, O'Boyle & Warbrick, op cit, pp 584-585
[21] Appl Nr 37193/07, 25 ta' Ġunju 2010

*2. No one shall be discriminated against by any public authority on any ground such as those mentioned in paragraph 1.*

49. Dwar il-Protokoll 12 formanti parti mill-Konvenzjoni Ewropea, ġie ritenut fis-sentenza mogħtija fl-ismijiet ***Mark Formosa vs L-Avukat Ġenerali***[22]:

*31. [...] Għalkemm huwa minnu li l-Istat Malti rratifika t-Tnax-il Protokoll, xorta waħda dan l-Protokoll ma jistax jingħata effett minn din il-Qorti ladarba ma jifformax parti mill-Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta' Malta. Fil-fatt, l-Artikolu 2 tal-Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta' Malta ma jagħmel l-ebda referenza għal dan il-Protokoll fid-definizzjonijiet mogħtija għat-termini "Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fondamentali" u "Konvenzjoni":*

*"Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fondamentali" tfisser dawk id-drittijiet u libertajiet elenkati fl-artikoli 2 sa 18 (inklużi) tal-Konvenzjoni u l-artikoli 1 sa 3 (inklużi) tal-Ewwel Protokoll, l-artikoli 1 sa 4 (inklużi) tar-Raba' Protokoll, l-artikoli 1 u 2 tas-Sitt Protokoll u l-artikoli 1 sa 5 (inklużi) tas-Seba' Protokoll li hemm mal-Konvenzjoni, liema artikoli qegħdin jinġiebu fl-Ewwel Skeda;*

*"Konvenzjoni" tfisser il-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali ffirmata f'Ruma fl-4 ta' Novembru, 1950 u l-Ewwel, it-Tieni, t-Tielet, ir-Raba', l-Ħames, is-Sitt u s-Seba' Protokolli li hemm magħha ffirmati f'Pariġi fl-20 ta' Marzu 1952, u fi Strasbourg fis-6 ta' Mejju 1963, 6 ta' Mejju 1963, 16 ta' Settembru 1963, 20 ta' Jannar 1966, 18 ta' April 1983 u 22 ta' Novembru 1984, rispettivament;"*

[22] Rik Kostit Nr 47/2019/1, Qorti Kostituzzjonali, 31 ta' Mejju 2023

*32. Għalhekk huwa ċar li l-Qrati Maltin m'għandhomx ġurisdizzjoni sabiex jiddeterminaw ilmenti bbażati fuq it-Tnax-il Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea [...].*

50. Din il-Qorti taqbel mal-insenjament mogħti mill-Qorti Kostituzzjonali u sejra tadottah *in toto* u tagħmlu tagħha;

51. Konsegwentement, din il-Qorti sejra tgħaddi sabiex **<u>tastjeni</u>** milli tieħu konjizzjoni tal-ilment tar-rikorrent in kwantu jilmenta minn leżjoni tad-drittijet fondamentali tiegħu sanċiti bl-Artikolu 1 tal-Protokoll 12 tal-Konvenzjoni Ewropea.

**Decide**

52. Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi:

i. **<u>Tilqa</u>**' l-ewwel eċċezzjoni sollevata mill-intimati, b'dana illi tiddikjara illi sejra tuża d-diskrezzjoni mogħtija lilha mill-*proviso* tal-Artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-*proviso* tal-Artikolu 4(2) tal-Kap 319 tal-Liġijiet ta' Malta, u **<u>tiddeklina milli teżerċita s-setgħat tagħha</u>** skont l-istess subartikolu in kwantu t-talbiet rikorrenti jagħmlu referenza għax-xhieda prospettiva ta' Carmelo Luca;

ii. **<u>Tilqa</u>**' t-tieni eċċezzjoni sollevata mill-intimati, b'dana illi tiddikjara illi l-proċeduri odjerni huma intempestivi in kwantu t-talbiet rikorrenti jagħmlu referenza għal leżjoni tad-dritt tar-rikorrent għal smigħ xieraq kif sanċit mill-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea per kawża tax-xhieda mogħtija u xhieda illi tista' potenzjalment tingħata minn Joseph Zerafa, kif ukoll mill-produzzjoni ta' Joseph Zerafa bħala xhud waqt il-ġuri prospettiv. Konsegwentement **<u>tastjeni</u>** milli tieħu konjizzjoni tat-talbiet rikorrenti

in kwantu jagħmlu referenza għal Joseph Zerafa u/jew ix-xhieda tiegħu;

iii. **<u>Tiċħad</u>** it-talbiet rikorrenti in kwantu jagħmlu referenza għall-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni Ewropea;

iv. **<u>Tastjeni</u>** milli tieħu konjizzjoni tat-talbiet rikorrenti in kwantu jagħmlu referenza għall-Ewwel Artikolu tal-Protokoll Tnax tal-Konvenzjoni Ewropea.

Bl-ispejjeż a karigu tar-rikorrent.

**Moqrija.**

**Onor Imħallef Dr Audrey Demicoli LL.D.**

**Geraldine Rickard**
**Deputat Reġistratur**